**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Il-Pulizija.**
**(Spettur Josric Mifsud u**
**Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**Johann Charles Xerri**

Illum 20 ta' Lulju, 2016.

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjubha kontra Johann Charles Xerri ta' 32 sena , bin Felice u Yvonna xebba Debono, imwieled Pieta', nhar it-22 ta' Ottubru, 1983 residenti fil-fond numru 13, Fl 3, Triq it-Turgien, Valletta u detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 551383M li kien akkuzat:

Talli nhar id-19 ta' Lulju, 2016, ghal habta ta' bejn il-hdax u nofs u l-hdax u nofs u hamsa ta' filghodu (1130 – 1135hrs) gewwa Triq La Vallette, Birgu;

a) Bhala persuna li kien jaf jew missu li kien jaf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti u li that cirkostanzi jew kundizzjonijiet li x'aktarx jikkawzaw offiza gravi fuq il-persuna xjentament gieghel lil **Eidth Buhagiar** anzjana ta' tnejn u tmein sena (82) issofri, u gab fuqha ugigh fiziku u/jew tbatija mentali mhux gustifikabbli. Artikoli 257C (1) (2) (3)(a) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

b) Serqa gizirana tad-deheb bil-valur ta' il-fuq minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), ghad-detriment ta **Edith Buhagiar** anzjana ta' tnejn u tmenin sena (82) liema serq hu aggravate mezz u valur. Art.261(b)(c), 263(b), 267, 278 (2) Kap 9

c) Talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti ta' Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigu mibdula.

Ukoll il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat l-Artikoli 257C (1) (2) (3)(a), 261(b)(c), 263(b), 267, 278 (2), 49, 50, 289 kif wkoll l-Art. 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wara li semghet l-ammissjoni tal-akkuzat u fehmet ic-cirkostanzi tal-akkuzat, filwaqt illi fehmet ukoll il-gravita' tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, qieghda ssib lill-akkuzat hati u qieghda tikkundannah piena ta' prigunerija ta' tmintax –il xahar u qieghda tordna lill-Awtoritajiet kompetenti sabiex minnufih jibdew il-proceduri kollha necessarji biex l-akkuzat jintbaghat ghall-programm mill-iktar fis possibbli bil-ghan illi jkun jista' jibbenfika mill-ghajnuna kollha li ghandu bzonn.

***Dr. Francesco Depasquale LL.D., LL.M. (IMLI)***
***Magistrat***

***Marisa Bugeja***
***Deputat Registratur***